



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Lussemburgu , 21 ta' Ottubru 2004
(OR. en)**

**12029/1/04
REV 1**

***File Interistituzzjonali:*
2003/0274 (COD)**

**CULT 60
CODEC 964**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Posizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2004 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1419/1999/KE li tistabbilixxi azzjoni tal-Komunità għall-avveniment ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2005 sa 2019

**DEĊIŻJONI Nru /2004/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW
U TAL-KUNSILL
ta'**

li temenda d-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE
li tistabbilixxi azzjoni tal-Komunità
għall-avveniment ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura
għas-snin 2005 sa 2019

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 151 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat²,

¹ ĠU C 121, 30.4.2004, p. 15.

² Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2004 (għadha mhux pubblikata fil-ĠU), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-..(għadha mhux pubblikata fil-ĠU) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal- (għadha mhux pubblikata fil-ĠU).

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li tistabbilixxi azzjoni tal-Komunità għall-avveniment Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2005 sa 2019 ¹ timmira li titfa dawl fuq il-ġid, id-diversità u l-karatteristiċi maqsuma tal-kulturi Ewropej u li tikkontribwixxi għat-titjib ta' l-għarfien reċiproku taċ-ċittadini Ewropej.
- (2) L-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE jistabbilixxi l-ordni kronoloġiku skond liema l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw nominazzjonijiet għal dan l-avveniment. L-Anness imsemmi huwa limitat għall-Istati Membri fiż-żmien li d-Deċiżjoni ġiet adottata fil-25 ta' Mejju 1999.
- (3) L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE jgħid li dik id-deċiżjoni tista' tiġi riveduta, b'mod partikolari bil-ħsieb tat-tkabbir futur ta' l-Unjoni Ewropea.
- (4) Fid-dawl tat-tkabbir tal-2004, huwa importanti li l-Istati Membri l-ġodda ikunu wkoll jistgħu, f'perjodu ta' żmien qasir, jippreżentaw nominazzjonijiet fil-kuntest ta' l-avveniment Kapitali Ewropea tal-Kultura, mingħajr ma jinbidel l-ordni eżistenti għall-Istati Membri l-oħrajn sabiex, mill-2009 'il quddiem u sa l-aħħar ta' l-azzjoni attwali tal-Komunità, żewġ kapitali jistgħu jkunu magħżula kull sena fl-Istati Membri.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE għandha tiġi hekk emendata,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

¹ ĠU L 166, 1.7.1999, p. 1.

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE qegħda hawn tiġi emendata kif ġej:

1) Għandha tiġi mdaħħla l-premessa li ġejja:

"(12a) Billi għandhom jitqiesu l-konsegwenzi finanzjarji ta' din id-Deċiżjoni b' tali mod li jiġi żgurat li hemm fondi tal-Komunità adegwati u xierqa għall-għażla ta' żewġ Kapitali Ewropej tal-Kultura;"

(2) L-Artikolu 2(1) għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

"1. Bliet fl-Istati Membri għandhom jintgħażlu bħala "Kapitali Ewropea tal-Kultura", meta jkun imisshom, skond kif stabbilit fil-lista li tidher fl-Anness 1. Sa l-2008, inkluż l-għażla għandha tapplika għal belt waħda ta' l-Istat Membru li jidher fuq il-lista. Mill-2009 'il quddiem, l-għażla għandha tapplika għal belt waħda ta' kull Stat Membru li jidher fuq il-lista. L-ordni kronoloġiku stabbilit fl-Anness I jista' jiġi mibdul bi ftehim reċiproku bejn l-Istati Membri kkonċernati. Kull Stat Membru involut għandu jippreżenta, meta jmissu, in-nominazzjoni ta' belt waħda jew aktar lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni. Din in-nominazzjoni għandha tiġi preżentata mhux aktar tard minn erba' snin qabel m' għandu jibda l-avveniment in kwistjoni u tista tiġi akkumpanjata minn rakkomandazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.";

(3) L-Anness I għandu jiġi mibdul bit-test li jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Magħmula fi **Lussemburgu**,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Ordni tad-dritt għan-nomina ta' "Kapitali Ewropea tal-Kultura"

2005	L-Irlanda	
2006	Il-Greċja ¹	
2007	Il-Lussemburgu	
2008	Ir-Renju Unit	
2009	L-Awstrija	Il-Litwanja
2010	Il-Ġermanja	L-Ungerija
2011	Il-Finlandja	L-Estonja
2012	Il-Portugall	Is-Slovenja
2013	Franza	Is-Slovakkja
2014	L-Isvezja	Il-Latvja
2015	Il-Belġju	Ir-Repubblika Ċeka
2016	Spanja	Il-Polonja
2017	Id-Danimarka	Ċipru
2018	L-Olanda ¹	Malta
2019	L-Italja	

¹ Il-Kunsill tal-Kultura/Awdjoviżwali, fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Mejju 1998, innota l-iskambju ta' pożizzjonijiet bejn il-Greċja u l-Olanda skond l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 1419/1999/KE.